MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 30/2003

**Avviz numru 30/03DM**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Mark Attard**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma komplessiva ta' (elfejn erbgha mija u disgha u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) Lm2459.23 dovuti inkwantu ghal elfejn erba mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm2427.52) fuq Flexicredit Loan Account numru 054-100060-300, u wiehed u tletin Lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm31.71) fuq Current Account numru 054-100060-001, oltre l-interessi bit-

tmienja fil-mija fis-sena (8% pa) mit-28 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv (Dok A u B).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Lulju 2002 (Dok C) u bl-interessi mit-28 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut permezz ta' nota pprezentata fir-registru fid-29 ta' Jannar 2003 ammetta t-talbiet tas-socjeta attrici kif prodotti fl-avviz.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas s-somma komplessiva ta' elfejn erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm2459.23) lill-bank attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b'effett mit-28 ta' Settembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------